

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019 – FVE Holýšov I et. vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-217/17) <sup>(1)</sup>

**(“Għajjnuna mill-Istat – Suq tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli – Miżuri li jstabilixxu prezz ta’ xiri minimu għall-elettriku ġġenerat minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli jew li jagħtu bonus lill-produtturi ta’ dan l-elettriku – Emenda tal-miżuri inizjali – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta’ għajjnuna kompatibbli mas-suq intern wara tmiem il-fażi ta’ eżami preliminari – Artikolu 107(3)(c) TFUE – Benefiċjarji tal-għajjnuna u azzjonisti tal-benefiċjarji – Aspettattivi leġittimi – Riżorsi tal-Istat – Kompetenza tal-Kummissjoni biex teżamina l-kompatibbiltà tal-miżuri ma dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni minbarra dawk rispettivi tal-Istati Membri”)**

(2019/C 413/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: FVE Holýšov I s. r. o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) u s-27 il-parti rikorrenti l-oħra li isimhom jinstab fl-anness tas-sentenza (rappreżentanti: A. Reuter, H. Wendt, C. Bürger, T. Christner, W. Schumacher, A. Compes u T. Herbold, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, P. Němečková u T. Maxian Rusche, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Vlácil, T. Müller, O. Serdula u L. Dvořáková, aġenti), ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentanti: inizjalment A. Gavela Llopis, sussegwentement A. Rubio González u S. Centeno Huerta, aġenti), ir-Repubblika ta’ Ċipru (rappreżentanti: E. Symeonidou u E. Zachariadou, aġenti), ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentanti: B. Ricziová u M. Kianička, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7827 final tat-28 ta’ Novembru 2016 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.40171 (2015/NN), dwar il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni ta’ elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, li sunt tagħha ġie ppubblikat f’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, C 69, p. 2)

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) FVE Holýšov I s. r. o. u l-parti rikorrenti l-oħra li isimhom jinstab fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju ta’ Spanja, ir-Repubblika ta’ Ċipru u r-Repubblika Slovakkja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 202, 26.6.2017.